MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH S. REFALO**

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2003

Talba Numru. 2683/2002

**Allied Newspapers Limited
vs**

**Mark Cuschieri f'ismu propju u bhala ezercenti l-kummerc that l-isem Challenger Fitness Centre u b'digriet tas-6 ta' Dicembru, 2002, giet kjamata in kawza Health Pit Operation Limited**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mis-socjeta' attrici fit-8 ta' Novembru, 2002 fejn intalab il-hlas ta' mija u disgha u ghoxrin lira Maltija u disa' centezmi (Lm129.09), rapprezentanti l-hlas dovut fuq il-prezz ta' diversi riklami ppublikati mis-socjeta` attrici fl-interess ta' Challenger Fitness Centre fuq inkarigu taghhom;**

**Ghalkemm debitament interpellat ihallas l-ammont dovut il-konvenut baqa' inadempjenti.**

**Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra interpellatorja datata 14 ta' Marzu, 2002, u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-**

**hrug tal-fattura sad-data tal-pagament effettiv, ilkoll kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fil-21 ta' Novembru, 2002 fejn gie eccepit:**
**i. Illi preliminarjament il-konvenut mhux il-legittimu kontradittur stante li hija l-kumpanija Health Pit Operations Ltd li tmexxi c-Challenger Fitness Centre u mhux il-konvenut personalment;**
**ii. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda stante li qatt ma kien hemm ftehim bejn il-partijiet sabiex isiru r-reklami in kwistjoni bil-konsegwenza li l-ebda hlas ma hu dovut;**
**iii. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-ammont pretiz huwa eccessiv;**
**Salv eccezzjonijiet ulterjuri;**
**Bl-ispejjez kontra s-socjeta` attrici.**
**Ra r–risposta tal-kjamat in kawza Mark Cuschieri ghan-nom ta' Health Pit Operation Ltd. prezentat fl-4 ta' Frar, 2003, fejn intqal illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda stante li qatt ma kien hemm ftehim bejn il-partijiet sabiex isiru r-reklami in kwistjoni bil-konsegwenza li l-ebda hlas ma hu dovut;**
**Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-ammont pretiz huwa eccessiv;**
**Salv eccezzjonijiet ulterjuri;**
**Bl-ispejjez kontra s-socjeta` attrici.**

**Semgha x-xhieda ta' Joe Spiteri u Mark Cuschieri. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra :**
**1. is-socjeta` attrici qed tfittex ghall-hlas ta' avvizi allegatament ordnati mill-konvenut u li dehru fil-gazzetta.**
**2. L-invoice hargu fuq Challenger Fitness Centre, li skond ma xehed il-konvenut jaqa' taht Health Pit Operation Ltd..**

**3. Joe Spiteri, Accounts Clerk mas-socjeta` attrici, spjega li l-procedura dwar "booking" ta' avvizi, normalment issir bil-posta jew permezz ta' fax. F'dan il-kaz il-"booking" sar permezz ta' telefonata peress li l-konvenut kien klijent regolari. Is-socjeta` attrici dejjem harget l-invoices fuq Challenger Fitness Centre u is-socjeta` attrici qatt ma lmentat.**

**4. Da parti tieghu l-konvenut jammetti li kien ghamel xi avvizi mas-socjeta` attrici snin ilu, u dan kien jirrigwarda biss xi zewg reklami, pero` mhux ir-reklami in kwistjoni, u dak iz-zmien kien ordna ir-reklami permezz tal-fax. Meta s-socjeta` attrici baghtet l-invoices dawn ma kienux iffirmati, u konsegwentement ma kienx jaf min ordnahom, pero` jghid li zgur li ma ordnahomx hu. Il-konvenut jichad li kien klijent regolari tas-socjeta` attrici, u jichad li ghamel "bookings" fuq it-telefon, lanqas ma inkariga lill-hadd biex jaghmel dawn ir-reklami. Jirrizulta pero` li l-konvenut ghandu kelb Rotwieler. Ma jeskludix li s-segretarja tieghu ghamlet l-ordni ghall-avviz dwar il-klieb, pero` jghid li r-reklami f'dan ir-rigward thallsu.**

**5. It-Tribunal jaghmel referenza ghall-ittri Dok.JVC u JVC1 li huma ffirmati mill-konvenut personalment u huma datati 7 ta' Frar, 2002, u 30 ta' Jannar, 2003. Definitivament l-ordni tat-30 ta' Jannar, 2003 ma ghandu ebda rilevanza salv li juri li l-ordni kien sar minnu personalment ghall-dak li huma r-"Rotweiler Puppies", kif kien sar fis-7 ta' Frar, 2002. Ma hemmx dubbju li dawn l-ordnijiet saru f'ismu personali.**

**6. Dwar jekk kienx hemm ftehim bil-fomm dwar l-avvizi l-ohra, it-Tribunal isib plawsibbli dak li qed jghid l-accounts clerk tas-socjeta` attrici, li meta ikun klijent regolari wiehed jaccetta anke ordnijiet bit-telefon, ghalkemm jigi enfasizzat li l-kitba hi dejjem desiderabbli, u dana ser jigi tenut in kunsiderazzjoni dwar il-kap ta' l-ispejjez.**

**7. Jidher li r-riklami li jirrigwardaw ic-Challenger Fitness Centre, saru, u t-Tribunal qed jaccetta il-verzjoni tas-socjeta` attrici li dawn tassew saru fuq inkarigu tas-socjeta kjamata in kawza.**

**8. Ghalhekk jigi li hemm dovuti mill-konvenut f'ismu personali is-somma ta' disa' liri u ghoxrin**

**centezmu (Lm9.20) filwaqt li hemm dovuti mis-socjeta` kjamata in kawza is-somma ta' mija u dsatax-il lira Maltija u disgha u tmenin centezmu (lm119.89).**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' disa' liri u ghoxrin centezmu (Lm9.20), u lis-socjeta` kjamata in kawza thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mija u dsatax-il lira Maltija u disgha u tmenin centezmu (lm119.89), bl-imghaxijiet legali li bdew jiddekorru mill-lum sal-hlas effettiv.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati ugwalment bejn is-socjeta` attrici, il-konvenut, u s-socjeta` kjamata in kawza.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------